MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 394/2009

**Victor Degiorgio (K.I. 682152M)**
**vs**
**Alexander Borg u**
**Support and Supply Management Group Limited ( C32090)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur li permezz tieghu l-attur talab l-hlas ta' elf, tmien mija u sittax-il ewro (€1816) somma dovuta lill-attur mill-konvenut nomine et in kwantu ghal elf tlett mija u wiehed u sittin ewro (€1361) drittijiet professjonali ghas-servizzi rezi lilu fuq inkarigu tieghu stess ghax-xhur Lulju sa nofs Ottubru, 2008, mija u tmenin ewro (€180) servizzi rezi lilu fuq inkarigu tieghu stess f'Novembru, 2007 u mitejn u hamsa u sebghin ewro (€275), servizzi rezi lilu fuq inkarigu tieghu stess fic-Chamber of Commerce,

kollox kif indikat fl-*'invoice'* tal-21 ta' Ottubru, 2008 annessa mat-talba.

Illi konvenut kien interpellat sabiex ihallas l-ammont ta' €1816 (ammont bilancjal akbar ta' €2296.48), permezz ta' ittra legali tat-18 ta' Dicembru, 2008 (annessa mat-talba) u ittra gudizzjarja tal-15 ta' Jannar, 2009 – 206/09 (annessa mat-talba) ghal liema ittra gudizzjarja irrisponda biss billi qal illi  kien qed jirrespingi l-pretensjonijiet tal-atttur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghandu jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma kif mitluba ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficcjali tal-15 ta' Jannar, 2009 u bl-ispejjez tal-prezenti, inkluzi l-ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru li sar kontestwalment mat-talba.

Ra r-risposta tal-konvenut *pro et nomine* fejn eccepixxa li t-talbiet tal-attur kontenuti fl-avviz tieghu huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi l-konvenut eccepixxa illi m'huwiex minnu li l-ammont huwa dovut f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' "*Support and Supply Managament Group Limited"* lill-attur, id-drittijiet professjonali u s-sevizzi msemmija fl-avviz tal-attur u b'hekk il-konvenut m'ghandu jaghti xejn.

Ghalhekk m'hemm ebda ammonti li ghandhom jigu likwidati favur l-attur. Bla pregudizzju ghal premess u fi kwalunkwe kaz, il-*quantum* tas-sorte allegatament dovut mill-konvneut huwa kontestat u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat skont il-ligi.

Ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut li jhallas is-somma pretiza mill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur kif ukoll sema' u ra x-xhieda tal-konvenut.

Ra n-noti pprezentati in atti kif ukoll id-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attur talab illi jithallas ghas-servizzi prestati minnu lill-konvenut f'ismu proprju kif ukoll lis-socjeta' "*Support and Supply Management Group Ltd",* liema somma baqghet ma thallsitx mill-konvenut peress illi intqal illi ebda ammont ma kien dovut.

L-attur huwa '*freight consultant'* u *'trainer'* fil-kamp tal-'*freight logistics'* u stqarr illi Alexander Borg kien qabdu sabiex jaghmel korsijiet varji u tahrig lill-impjegati tal-Malta Shipyard kif ukoll korsijet ghall-entitajiet varji li l-konvenut kien jorganizza. L-attur qal ukoll illi huwa kien ta' il-korsijiet kollha rikjesti minnu skont ftehim li kellu ma' Alexander Borg. Izda meta gie sabiex jithallas Alexander Borg ma hallsux ghas-servizzi kollha pprestati minnu. Irrizulta li bejn il-partijiet ma kienx hemm ftehim bil-miktub izda wiehed verbali. Intqal mill-attur illi huwa kien rrenda diversi servizzi lill-konvenut tul medda ta' zmien u fil-passat huwa dejjem thallas fil-hin. Minn e-*mail* mibghuta minn Alex Borg fit-23 ta' Settembru, 2008 jirrizulta li huwa kien dispost ihallas lill-attur il-mizata dovuta lilu ta' kull xahar sa Dicembru, 2008 sakemm is-socjeta' Malta Shipyard tibqa' tirrikjedi dan is-servizz. Illi dan is-servizz jirrizulta li ntemm fis-17 ta' Ottubru, 2008. Illi mill-provi ma jirrizultax illi l-attur kien jithallas €2334 kull sitt xhur ghal servizzi prestati lilu. Dan l-ammont jirrifletti mizata ta' €389 fix-xahar.

Illi mill-provi jirrizulta li skont fattura pprezentata a fol. 2 tal-process l-attur kien thallas is-somma ta' €658.48 ghal '*Professional Training and Consultancies in freight and logistics for the month of October, 2008*.' Izda kien ghad jonqsu jithallas ghall-istess ghan minn Lulju sa Ottubru, 2008 u dan fis-somma ta' €1361. Illi kien ghad baqghalu ukoll jithallas ghal seba' sieghat ta' stharrig li kien ghamel fil-harifa tal-2007 fis-somma ta' €455.

Lit-Tribunal jidhirlu li kien hemm ftehim verbali fejn l-attur kien jithallas €389 fix-xahar ghal xogholijiet varji filwaqt illi kien jithallas apparti ghall-korsijiet li kien jaghti.

Illi l-fattura ezebita a fol. 2 mhijiex cara. Illi apparti l-fatt illi t-total ta' dik il-fattura ma jaqbilx mal-ammont imnizzel, t-Tribunal jirrilleva li kien hemm rikjesta ghal hlas ta' Ottubru ghal darbtejn. Illi dan huwa pjuttost ekwivoku izda t-Tribunal jifhem illi l-hlas ta' €658.48 ghax-xahar ta' Ottubru, 2008 kienu ghal xoghlijiet apparti l-mizata ta' €389 miftiehma bejn il-partijiet. Illi ghalkemm il-konvenut *pro et nomine* stqarr illi l-ammont ta' €389 kien bhala *'performance bonus'* huwa jemmen lill-attur meta qal illi l-ftehim kien ta' €389 kull xahar, ghal servizzi prestati lil Malta Shipyards.

Lit-Tribunal jidhirlu li huwa minnu li kien hemm ftehim ghal dan il-hlas bir-rata ta' €389 fix-xahar u *pro rata* jekk kemm-il darba il-ftehim mas-socjeta' Malta Shipyard jintemm. Illi dan l-inkarigu ntemm fis-17 ta' Ottubru, 2008. Illi dwar l-istharrig li qed jigi allegat li sar u li ma thallasx ghalih l-attur, lit-Tirbunal jirrizultalu u ghalhekk ammont ghal dan is-servizz huwa wkoll dovut.

Illi minn *e-mail* a fol.15 datata 23 ta' Settembru, 2008 jirrizulta konfermat li l-konvenut Alex Borg kien wieghed lill-attur li jhallsu pagament ta' €2329 ghall-Lulju sa Dicembru, 2008 dment li l-Malta Shipyard tibqa' tinkariga lilll-partijiet ghal servizzi ta' tahrrig jekk le, kellu jhallsu *pro rata*. Qallu ukoll illi dwar il-korsijiet li kienu dokumentati mieghu l-attur kien ukoll ser jithallas sa Dicembru, 2008.

It-Tribunal jirrileva li l-affidavit tal-konvenut *pro et nomine* sar f'ismu biss u mhux f'isem is-socjeta' "*Support and Supply Manangement Group Limited*."

Fix-xhieda tieghu l-konvenut semma li huwa kellu *'back to back agreement'* mal-attur izda dan il-ftehim qatt ma gie prodott mill-konvenut ghaliex il-ftehim bejn il-partijiet kien wiehed verbali. Il-konvenut *nomine* ipproduca varji *e-mail* li jelenkaw certi kundizzjonijiet izda l-indirizzi ta' fejn

intbaghtu ma jirrizultawx l-istess li kellu l-attur tant illi l-attur stqarr illi qatt ma rcieva l-*e-mails* li l-konvenut kien ezebixxa in atti. Illi mill-*e-mail* tat-23 ta' Settembru, 2008 jirrizulta car illi l-konvenut kien ha jhallas lill-attur dak li kien qieghed jitlob l-attur, ghalkemm il-konvenut qal illi wara dik l-*e-mail* huwa sab illi fil-fatt l-attur ma kellu jiehu xejn iktar mis-socjeta' konvenuta.

Illi l-konvenut *nomine* xehed illi dak il-hlas allegatament dovut bejn Lulju 2008 sa Dicembru, 2008 kien *'performance bonus*.' Izda lit-Tribunal ma jidhirlux illi dan il-hlas lill-attur kellu jkun '*performance bonus'* izda l-mizata miftiehma bejniethom kif kjarament imsemmi mill-*e-mail* mibghuta mill-konvenut lill-attur.

It-Tribunal huwa tal-fehma li huwa minnu li l-attur kien ta' zewg korsijiet f'Novembru, 2007 kif ulkoll f'Dicembru, 2007 u ghal-liema hlas jemmen li baqa' ma thallasx. Izda lit-Tribunal jidirlu li €455 ghal seba' sieghat xoghol u cioe' medja ta' €65 fis-siegha ghal- stahrrig huwa eccessiv u fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet it-Tribunal 'arbitrio boni viri' ha jirriduci dik is-somma ghal €30 fis-segha.

Illi dwar ir-relazzjoni guridika tal-konvenut *pro et nomine*, t-Tribunal huwa tal-fehma li wara li ra, sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu jikkonkludi li huwa minnu li l-ftehim dejjem sar ma' Alexander Borg, izda Alex Borg dejjem deher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta "*Support and Supply Managament Group Limited (SSM)"* u ghalhek jekk kemm-il darba jirrizultaw xi ammonti dovuti dawn huma dovuti biss mis-socjeta' Support and Supply Management Group Limited u mhux minn Alex Borg personalment u in konkluzjoni l-konvenut Alexander Borg ghandu jigi liberat mil-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkonferma li r-relazzjoni guridika tal-attur kienet biss mas-socjeta' *"Support and Supply Management Group Limited"* u ghalhekk qieghed jillibera lill-konvneut Alexander Borg mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt illi jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta "*Support and Supply Management Group*

*Limited”* limitatament fis-somma ta’ elf, hames mija wiehed u sebghin ewro (€1571) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza sopportati kwart mill-attur u tlett kwarti mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------